MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2008

Numru 811/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**versus**

**Sarah Zammit**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sarah Zammit ta’ 17-il sena, bint Anthony u Jacqueline nee Grima, imwielda l-Pieta’ fid-19 ta’ Jannar 1991, residenti 19, Triq Sant’Antnin, Birkirkara u detentriċi tal-karta tal-identita’ bin-numru 63891 (M)

Akkużata talli nhar il-15 ta’ Lulju 2008 gewwa l-Floriana, il-Belt Valletta u San Ġiljan, b’diversi atti magħmulin minnha li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmulin b’reżoluzzjoni waħda

1. Għamlet falsifikazzkjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet f'dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obblgi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew ffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe għamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Lyanne Sant għad-detriment ta' l-istess Lyanne Sant, detentriċi ta' karta ta' l-identita' bin-numru 433687(M) u persuni oħra u aktar talli xjentement għamlet użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data u ċirkostanzi b'mezzi kontra l-liġi jw billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi grajja kimerika għamlet qliegħ ta' iktar minn LM100 (Euro 232.94) għad-dannu ta' Lyanne Sant detentriċi ta' karta ta' l-identita' bin-numru 433687(M) u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U iktar tallli fl-istess data, għall-ħbat tas-2.00pm ġewwa Triq V Dimech Floriana kkommettiet serq sempliċi minn ġewwa vettura bin-numru JAV 228 aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Lyanne Sant detentriċi ta' karta ta' l-identita' bin-numru 433687(M) u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U iktar talli fl-istess data u ċirkostanzi ġewwa l-Belt Valletta u San Ġiljan kkommettiet serq ta' flus, liema ammont jeċċedi l-LM100 (Euro 232.94) iżda mhux iktar minn Euro 2329.37 aggravat bil-valur, għad-detriment ta' Lyanne Sant detentriċi ta' karta ta' l-identita' bin-numru 433687(M) u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U iktar talli fl-istess zmien, laqgħat għanda jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. U iktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, Sarah Zammit assocċjat ruħha ma Neville Mario Rizzo, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 37979(M) bil-għan li jagħmlu delitt u dan bi ksur ta' l-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. U iktar tallil fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għenet jew assistiet lil Neville Mario Rizzo, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 37979(M) fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li ngħatat żmien xieraq biex taħsibha.

Stante l-ammissjoni tal-imputata dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 37, 308. 310(1). 261, 267, 334, 48A u 42(d) tal-Kap 9 bil-ħames imputazzjoni bħala alternattiva għat-tielet u r-raba' imputazzjoni qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha barra tal-ħames waħda li l-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha stante li din hija biss alternattiva kif diġa' ntqal.

Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-imputata għadha taħt l-eta' kif ukoll li għamlet ammissjoni mal-ewwel.

Meta qieset iċ-ċirkostanzi personali u soċjali, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputata qed tpoġġiha taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal tliet snin mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446. Il-Qorti wissiet lill-imputata li jekk hi tikser l-Ordni tal-Probation billi ma ssegwix xi ordni jew twettaq xi reat ieħor tkun patibbli għall-piena karċerarja.

Din is-sentenza għandha tintbagħat lill-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------